**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 1200/2015 AF**

**Jane Sammut**

**Anthony Cini**

**Dr. Noel Caruana MD**

**Christian Paul Caruana**

**Joseph Cutajar li qieghed jidher ghan-nom u fl-interess ta' Charles Attard [Passaport Kanadiz 6F005993]**

**Philip Borg ghan-nom u fl-interess ta' Maria Borg [Licenzja tas-Sewqan Kanadiza EJ59118]**

**Jane Sammut ghan-nom u fl-interess ta' Victor Gauci [Passaport Awstraljan numru M5481043], John Gauci [Passaport Awstraljan numru M5964134] u Mary Magri [Passaport Awstraljan numru M5829353]**

**Victoria Sammut**

**Liberata Carabott**

**Rose Aquilina**

**Mary Grace Sciberras**

**Rita Sant**

**Dolores sive Doris Said**

**Mary Grace Sciberras ghan-nom u l-interess ta' Carmelo Grima**

**Carmen Farrugia f'isimha proprio u fl-isem Nazzareno Grima**

**Liberata Carabott li qeghda tidher ghan-nom u fl-interess ta' Angelo Grima [Passaport Awstraljan numru N6999829], Emanuel Grima [Passaport Awstraljan numru M9287138], Anthony Grima [Passaport Awstraljan numru N4980937], John Grima [Passaport Awstraljan Nru PA2481652]**

**Joseph Caruana**

**vs**

**Mary Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Jane Sammut li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kontendenti huma ko-propjetarji tal-fond ossia d-dar bin-numru mitejn u tlettax (213), Triq il-Mithna l-Gdida, il-Mellieha bl-arja relattiva u s-sottosuol, libera u franka bid-drittijiet, gustijiet u l-pertinenzi taghha kollha.

Dan il-fond jappartjeni lill-esponenti flimkien u l-intimata ghandha sehem zghir però kollox indiviz bejniethom, hekk kif

jidher mill-arblu tar-razza hawn anness u immarkat Dok. X, li juri l-provenjenza tal-proprjetà.

Dina l-proprjetà ddevolviet fuq il-partijiet originarjament mill-wirt ta' Paul Cini.

L-intimati kollha bejniethom ghandhom sehem hekk kif indikat fil-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Ghaldaqstant, il-kontendenti ilhom ko-propjetarji ghal aktar minn ghaxar (10) snin u hadd minnhom ma ghamel azzjoni ghal qsim tal-proprjetà qabel dana r-rikors.

L-esponenti kienu digà ikkomunikaw diversi drabi mal-intimata sabiex jikkonkludu l-bejgh u kienet infurmata bl-appuntament ghal pubblikazzjoni tal-konvenju permezz ta' ittra registrata però hija anqset li tidher ghall-istess konvenju.

L-esponenti dahlu f'konvenju ma' Julian Tonna, Marvin Tonna u martu Katya Tonna hekk kif jidher mill-konvenju li sar quddiem in-Nutar Dr. Jonathan Vella hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

L-esponenti qeghdin jipprezentaw stima li saret mill-Perit Lino Cachia li turi l-prezz tal-proprjetà huwa mija tlieta u sittin elf u hames mitt Ewro (€163,500) [Dok. C].

Dan il-bejgh mhuwiex ta' pregudizzju ghal intimata stante illi l-prezz huwa ghal kwazi l-istess kif indikat fl-istima tal-Perit Lino Cachia.

Dan il-bejgh mhuwiex ta' pregudizzju ghal ko-proprjetarja intimata dissidenti u ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghaliex din il-Qorti m'ghandiex tordna u tawtorizza li jsir il-bejgh tal-fond kollu bil-prezz kif hawn indikat.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tordna u tawtorizza l-bejgh tal-fond 213, Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha.

2. Tinnomina n-Nutar Jonathan Vella sabiex jippubblika l-att relattiv tat-trasferiment finali tal-fond 213, Triq il-Mithna l-Gdida, il-Mellieha.

3. Tinnomina Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-art tat-trasferiment u f'kull att necessarju u accessorju u attinenti ghal pubblikazzjoni tal-att ta' vendita relattiv tal-fond fuq imsemmi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-rikors.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi Mary Vella, l-intimata, minkejja li giet debitament notifikata, baqghet ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza.

Rat il-valutazzjoni guramentata tal-Perit Lino Cachia.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tawtorizza l-bejgh tal-fond 213, Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha skond il-konvenju datat 23 ta' Settembru 2015; tahtar lin-Nutar Jonathan Vella sabiex jippubblika l-att relattiv; tahtar lil Dr. Rachel Bonello biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata Mary Vella.

IMHALLEF

DEP/REG